# It-tifsira ta' l-isem GĦASRI

minn Victor J. Galea

Il-poplu jħobb iġebbed din il-kelma mill-verb għasar, ngħidu aħna għasar l-inbid, għasar iż-żejt u anki għasar il-ġobna, li tfisser mela l-qwieleb bil-baqta. Innies tgħidlek li la darba ż-Żebbuġin kellhom iż-żebbuġ x'jagħsru, l-Għasri kellna biex nagħsruh dan l-imbierek żebbuġ. Ibda biex iż-Żebbuġ ħa ismu għax kien hemm xi żewġ żebbuġiet imkenna n-naħa ta' taħt il-knisja biex ma jikilhomx u joqtolhom ir-riħ fuq għax iż-żebbuġa tibża mir-riħ u tissagħtar jew tmut jekk tħawwilha f'post maħbut mir-riħ bħaż-Żebbuġ. Għalhekk mur ara kemm kellhom żebbuġ x'jagħsru ż-Żebbuġin ta' dari! Kienu jdabbru xi żewġ żebbuġiet jisħquhom ħodor hekk kif jibda nieżel fihom iż-żejt għal Santa Marija. Iktar miż-żejt, iż-Żebbuġin, ġobon kellhom u għad għandhom x'jagħsru. Imma intom qatt ħlomtu li rajtu ż-Żebbuġin niżlin mit-Triq tal-Kanun biex jagħsru l-ġobon l-Għasri? U ħallina! Imma Alla jbierek l-arma ta' l-Għasri tagħtik x'tifhem l-Għasri dari kien inixxi ż-żejt bħalma l-Art Imqaddsa kienet tnixxi l-ħalib u l-għasel!

Imma l-aġġettiv Għasri jitnissel mhux mill-verb għasar imma min-nom għasar li għalina jfisser **vespri** – il-fizzju ta' wara nofsinhar. Għalhekk Serracino Inglott ifisser sew meta jgħid li Għasri hu tal-għasar, ta' ħin il-vespri, ta' fil-għaxija u jżid, minn Vassalli u Falzon, tard, imwaħħar fil-ħin, għallis. Bil-għarbi tfisser kontemporanju, tal-lum, modern, filwaqt li l-espressjoni min al-għasrijat, tfisser fil-għaxija, wara nofsinhar.

Serracino Inglott jiżgarra meta jiġi biex ifisser l-isem tal-post għax jgħidilna li l-Għasri jgħidulu hekk għax jinsab magħsur bejn T'Għammar, T'Abram u Ta' Kuljat. Fil-każ Wied il-Għasri bejn Ta' Ġurdan u ż-Żebbuġ qiegħed magħsur u l-Għasri hemm beda. Serracino Inglott kellu manija biex ifisser l-isem ta' post mill-għamla jew xi karetteristika tiegħu. Dan veru jgħodd għal xi postijiet bħal ngħidu aħna x-Xagħra, l-Mġarr, l-Għarb, ir-Rabat u x-Xewkija, imma mhux għall-postijiet kollha. Per eżempju, Serracino Inglott jgħidilna li Ta' Ċenċ isejħulu hekk għax l-art imkemmxa. Minn 'Ta'' quddiem isem ta' post, titlob isem persuna, kunjomha, kif ukoll il-professjoni jew is-sengħa tagħha. Issa f'Ta' Sannat, raġel jismu Franġisk, barra Frenċ, Ċikku jew Kikku jgħidulu wkoll Ċenċu li meta jsejħulu jgħajtulu Ċenċ. Għalhekk Ta' Ċenċ ifisser Ta' Franġisk.

# Għasri *Townscape*



R. ENGLAND, *Gozo – Island of Oblivion*, Edizioni LIBRiA – Melfi (Italy), 1997, p. 110.

Min-naħa tiegħu Aquilina fl-etimoloġija tal-kelma jgħid li Għasri bħala aġġettiv tfisser raġel mill-Għasri li hi sew u jagħtiha wkoll Serracino Inglott, imma mbagħad jgħid li tfisser post fejn hemm l-imgħasar taż-żejt. Issa Aquilina jħobb iqabbel l-ismijiet Maltin ma' dawk tal-Palestina, imma l-Palestina sab biss *El-Magħsar* li bil-Malti hu naturalment il-magħsar u mhux Għasri.

Issa ejja nduru dawra ma' l-Għasri u naraw għal min jisimhom xi postijiet. Għandna ta' Ġurdan, ta' Abram u Wied Sara li m'hemm l-ebda dubju li huma ismijiet ta' nies. Imbagħad hemm T'Għammar, Ta' Dbieġi, Għajn Għabdun u Għajn Mhelhel. Forsi tarawha ftit stramba, imma dawn ukoll huma jew aħjar kienu ismijiet ta' nies.

Il-Prof. G. Wettinger jgħid li Sqallija jinsabu listi ta' villani – nies marbutin mar-raba' li jaħdmu – fuq art mogħtija lill-Knisja li jmorru lura għal żmien in-Normanni, jiġifieri għas-seklu XII. Dawn il-listi jixħtu dawl fuq ismijiet u laqmijiet kif ukoll ismijiet ta' postijiet li oriġinarjament kienu ismijiet, kunjomijiet jew laqmijiet ta' sid l-art jew ta' min kien jaħdimha fi żmien meta l-Maltin u l-Għawdxin kienu Misilmin. L-Għarab ġew Malta fis-sena 870, assedjaw lill-belt ta' dak iż-żmien u x'ħin ħaduha qatlu lil kulħadd u ħallew ħerba. Kien biss fis-sena 1048-1049 li xi Misilmin ġew joqogħdu Malta u rranġaw is-swar ta' l-Mdina ta' Malta u ta' l-Mdina ta' Għawdex biex jgħammru fihom fis-sliem. Imma xi sliem, sliem! Fis-sena 1053-1054 kellhom attakk aħrax mill-Biżantini u fl-1090 tfaċċa l-Konti Ruġġieru, ħalliel Normann li minn Malta ħa dak kollu li seta' bil-pulit, imma lil Għawdex issakkeġġjah.

Malta u Għawdex taħt in-Normanni u l-Iżvevi baqgħu Misilmin, bl-Insara dejjem jiżdiedu. Kien biss fl-1224 u fl-1249 li l-Imperatur Żvev Federiku ordna lill-Misilmin iwarrbu minn Malta. Dawn jew saru Nsara – u għalhekk aħna għadna nitkellmu bil-Malti – jew parpru lejn Tunes jew l-Imperatur ħadhom Luċera, fil-Pulja, fejn żammhom biex jiġġieldu għalih.

Ma nistgħaġbux għalhekk li l-ismijiet ta' postijiet li għandna Malta u Għawdex li jaqblu ma' l-ismijiet ta' nies tas-seklu XII huma Misilmin. Fost dawn, il-Prof. Wettinger isemmi appuntu Għabdun, Għammar, Dibaġ, Mhelhel, u Għasri. Hemm ukoll Merżuq, isem dik il-qolla li naraw aħna u niżlin Marsalforn, bis-Salvatur fuqha u Bu Srawel, isem ta' wied li jixteħet fil-Wied ta' Marsalforn ħdejn it-tieni arkata, li aħna nsejħu l-Wied ta' Srawel.

Mela l-Għasri hu isem sid l-art li llum għadna nsejħulha b'ismu. Dan is-sid kien naturalment Mislem u għalhekk kien jgħix bejn l-1054 u l-1249. Billi aħna ngħidu l-Għasri u Wied il-Għasri seta' kien jismu il-Għasri, imma billi maż-żmien insejna li dak kien isem, bdejna ngħidu l-Għasri, bħalma hawn min jgħid il-Ġurdan, kif ukoll il-Merżuq għaż-żewġ muntanji.